MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 1923/1999/1

**A B, iben C**
**vs**
**D B E, bint C E**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni li permezz tieghu l-attur talab is-separazzjoni personali minn ma' martu l-konvenuta ghar-ragunijiet imputabbli lilha; kif ukoll sabiex il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali tas-separazzjoni, inkluz il-kura u kustodja tat-tfal;

Rat in-nota ta' l-eccezjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet li l-kawza tas-separazzjoni hija attribwibbli ghar-ragel l-attur li rrenda l-hajja konjugali mpossibli;

Rat il-kontro talba tal-konvenuta li permezz taghha talbet is-separazzjoni personali minn ma' zewgha kif ukoll li din

il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni, inkluz il-kura u l-kustodja tal-minuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat in-nota kongunta prezentata mill-partijiet fis-seduta tas-06 ta' Marzu, 2006;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi fil-mori tal-kawza l-partijiet iddikjaraw li, salv ghat-talba dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri Kimberley, it-talbiet l-ohra huma kollha ezawriti.
Illi l-Qorti ezaminat in-nota kongunta tal-partijiet relattiva ghall-kura u l-kustodja ta' l-imsemmi minuri.

Ghaldaqstant tiddeciedi billi:

1. Relattivament ghat-talba dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri Kimberley E, il-kura u kustodja ghandha tigi fdata f' idejn il-missier A B l-attur; bi dritt ta' access liberu ghall-omm D B il-konvenuta li ghandha taghti avviz ragonevoli lill-attur meta jkollha l-intenzjoni li tara lil bintha; u tordna wkoll li jekk ikun hemm dizgwid bejn il-partijiet dwar din il-modalita' ta' l-access, l-access ta' l-omm ghandu jkun regolat billi hi jkollha access ghall-minuri kull gimgha mill-Hamis wara l-iskola sas-Sibt fil-hamsa ta' filghaxija.

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kumplament tat-talbiet stante li dawn jinsabu ezawriti.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------